Ilħna Ferrieħa 2

Tnehdija ta’ CD ġdida

Il-Ħamis 20 ta’ Novembru, 2008

Diskors li sar minn Mrs Martha Camilleri

Assistenta Kap tal-iskola

f’isem il-Kap ta’ l-iskola Sr. Giovannita Briffa

Nagħti merħba:

Lis-Sur Sindku is-Sinjur Michael Fenech Adami

Lil-Madre Proviċjali Madre Bertilla Bartolo

u l-Kunsillieri tagħha

Lir-rappreżentanti tad-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni

Lil Dr-Roseanne Cauchi – Direttur tas-Servizzi Edukattivi tal-Knisja

Lis-Sinjuri mistiedna

Ġenituri, għalliema u studenti

Grazzi talli ġejtu tifirħu mal-iskola tagħna St. Francis ta’ B’Kara li llum qegħda tniedi CD ġdida li jisimha:

**Ilħna Ferrieħa 2.**

Din semmejnieha hekk għaliex aħna diġa konna ħriġna l-ewwel waħda fis-sena 2000. Għalhekk fuq talba ta' ħafna għamilna l-kuraġġ u bl-għajnuna finanzjarja tal-P.T.A. tal-iskola tagħna ħsiebna li noħorġu it-tieni waħda.

Il-lirika tal-kanzunetti inkitbet minn Mario u Magdalen Cucciardi.

Fr Karm Debattista kiteb il-kliem u l-mużika ta' żewġ għanjiet minnhom .

Il-mużika tal-kumplament inkitbu minn Andrew Zammit u minn Veronique Degabriele Ferrante, għalliema tal-mużika fl-iskola tagħna.

L-għanjiet kollha għandhom l-arranġament mużikali ta' Andrew Zammit u ġew irrekordjati fl-istudjo tiegħu Tone Studio.

B'paċenzja kbira minn naħa ta' Veronique Degabriele Ferrante u Marianne Mercieca, it-tfal ġew ippreparati fis-sajf għar-rekording. L-għanjiet sarulhom xi koreografija minn Kathleen Caruana Salafia, għalliema fl-istess skola tagħna. Dan sar biex il-kanzunetti jkunu iktar attraenti għat-tfal tagħna u għall-pubbliku. Fl-istess ħin it-tfal ikunu jistgħu iwasslu l-messaġġ tal-għanja b'mod li jieħdu gost huma u dawk li jarawhom.

Il-kanzunetti huma miktuba apposta biex jitgawdew mit-tfal f'okkażjonnijiet differenti bħal, waqt it-talba ta' filgħodu, fil-klassijiet waqt il-lezzjonijiet, mill-katekisti waqt id-duttrina, tista' tingħata bħala rigal fl-okkazzjonijiet speċjali, issa li ġej il-Milied, Preċetti, Griżma f'xi programmi tar-radju u TV u f'okkażjonijiet simili.

Peress li din is-Cd ħriġnieha fis-sena Pawlina ddedikajna tliet kanzunetti b'temi dwar San Pawl, waħda dwar il-ħajja tiegħu u tnejn l-oħra meħuda mill-kliem u kitbiet tiegħu. L-arranġament ta' waħda minn dawn huwa fuq stil rap u mir-reazzjoni tal-istudenti tal-iskola tagħna għandha tintogħġob żgur.

J'Alla dawn is-Cds li l-iskola tagħna St. Francis ta' B'Kara ħarġet jitgawdew mil-pubbliku u jsir użu tajjeb minnhom għal glorja t'Alla.

Issa nixtieq nintroduċikom mal-awturi u l-kompożituri tal-għanjiet li hemm fuq is-CD. Nilqa' fuq il-palk hawn miegħi lil Andrew Zammit li kkompona ħafna mill-mużika kif ukoll għamel l-arranġamenti mużikali tal-kanzunetti kollha. Huwa ukoll ir-rekording engineer ta' din is-CD.

(Preżentazzjoni tas-CD's lil Andrew Zammit)

(Jagħti l-messaġġ tiegħu)

Fr. Karm Debattista huwa l-awtur u kompożitur ta' "Sa ma nerġa' narak" u "Grazzi mill-ġdid." Fr Karm huwa magħruf sew fil-qasam tal-mużika Kristjana Kontemporanja. Huwa ħareġ mhux inqas minn 8 CDs.

(Preżentazzjoni tas-CD's lil Fr Karm)

(Jagħti l-messaġġ tiegħu)

Mario u Magdalen Cucciardi. Mario bl-għajnuna ta' martu Magdalen kiteb il-lirika ta' għaxra mill-għanjiet. Mario jħobb ħafna l-mużika Kristjana kontemporarja. Huwa qaleb bosta għanjiet mill-Ingliż għall-Malti. Ħa sehem f'diversi Cd's kemm ta' Fr Karm Debattista u ta' Andrew Cauchi bħala backing vocalist. Ikanta f'diversi korijiet kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Kien mistieden biex jieħu sehem f'Youthfest Internazzjonali f'Medjugorje fejn kanta siltiet bil-Malti waqt l-istess Youthfest. Huwa jieħu ħsieb il-Kor tal-Parroċċa ta' Ħ'Attard Mary's Angels flimkien ma' Magdalen.

Magdalen ikontribwiet għall-għanja tal-Ispirtu s-Santu, talba li hi kienet kitbet fl-okkażjoni tal-Griżma tal-Isqof tat-tifla tagħha Leanne. L-istess talba ġiet addattata għall-kant minn Mario.

(Preżentazzjoni tas-CD's lil Mario u Magdalen)

(Jagħtu l-messaġġ tagħhom)

Veronique Degabriele Ferrante hija għalliema tal-mużika fl-iskola tagħna. Hija kitbet il-mużika tal-għanja "Is-Salib". Din mhix l-ewwel darba li kitbet xi xogħolijiet. Fl-iskola tagħna diġa konna tellajna musical tagħha bl-isem "Pjaneta Ambjent". Veronique ppreparat lit-tfal għar-rekording wara li għamlet it-transkrizzjonijiet tal-kanzunetti kollha.

(Preżentazzjoni tas-CD's lil Veronique)

(Tagħti l-messaġġ tagħha)

Nixtieq li nirringrazzja lil Marianne Mercieca li ħadet ħsieb il-koordinazzjoni tax-xogħol kollu tas-CD kif ukoll lil Kathleen Caruana Salafia li b'ħafna idejat u entużjażmu għenet kull fejn setgħet u għamlet il-koreografija kemm tal-kanzunetti ta' din is-Cd kif ukoll ta' l-ewwel waħda li konna ħriġna. Nirringrazzja ukoll lil Mrs Martha Camilleri tas-sapport siewi tagħha u fl-aħħar u mhux l-inqas lil membri tal-P.T.A. li ħadmu bis-sħiħ biex proġett bħal dan ikun jista' jseħħ.

Nixtieq ninfurmakom li din is-Cd ġiet iffinanzjata kollha kemm hi mill-P.T.A. ta' l-iskola u l-fondi li se jinġabru minnha se jmorru għall-proġett ieħor li għandna fi ħsiebna: dak li nibnu playground kbira fil-viċinanzi ta' l-iskola. It-tfal tal-iskola tagħna għandhom bżonn fejn jiġru u jilgħabu. Barra minn hekk din se tkun attrezzata mill-aħjar mod possibli.

Din l-informazzjoni kollha tistgħu issibuha fuq il-website ta' l-iskola tagħna li hija **stfrancisschoolbkara.com** u li hija frott il-ħidma voluntarja ta' Martin Degabriele u l-mara tiegħu Veronique Degabriele Ferrante. Il-website hija interessanti kemm biex tagħti informazzjoni fuq l-iskola tagħna kif ukoll għat-tfal fejn isibu crafts u logħob mogħti mill-għalliema tagħna.

Ma nistax ma nsemmiex lil Conrad Fenech, ġenitur fl-iskola tagħna li permezz tas-server tiegħu tellajna (bl-ingliz hosted) il-website tagħna. Għalhekk inħeġġiġkom biex iżżuru il-website ta' l-iskola tagħna fejn hemm l-informazzjoni kollha anke fuq is-Cds tagħna.

Jitilgħu il-kor fuq il-palk

Nistedinkom biex tisimgħu 3 għanjiet mis-Cd Ilħna Ferrieħa 2. Dawn ser jiġu kantati mill-kor tal-iskola taħt it-tmexxija tal-għalliema tal-mużika, Mrs Veronique Degabriele Ferrante li ġiet mgħejjuna minn Mrs Marianne Mercieca. Il-movimenti li ser jagħmlu ġew mgħallma lilhom minn Mrs Kathleen Caruana Salafua fuq koreografija tagħha stess.

L-ewwel għanja jisimha Ejja Nfaħħru lil Feddej bi kliem tas-Sur Mario Cucciardi u mużika tas-Sur Andrew Zammit. Sinjuri l-kor tal-iskola.

It-tieni silta li se nisimgħu iġġib l-isem Kliem San Pawl-Frott l-Ispirtu, li bħall-ewwel silta nkitbet mis-Sur Mario Cucciatdi bil-mużika tas-Sur Andrew Zammit.

L-aħħar għanja li ser nisimgħu Sa ma Nerġa’ narak ġiet miktuba, kemm il-kliem kif ukoll il-mużika minn Fr. Karm Debattista mssp.

Nisperaw li għoġbukom dawk is-siltiet mis-CD u nħeġġukom biex tisimgħu l-oħrajn ukoll. Issa, ngħajjat ħdejje lil sitt it-tfal mill-kor li ħadmu ħafna u għamlu sagrifiċċji kbar fis-sajf flimkien mal-ġenituri tagħhom, biex ġew l-iskola ħafna drabi ħalli jitgħallmu l-għanjiet u wara irrekordjaw is-CD. Sr. Giovannita ser tippreżentalhom CD u ċertifikat bħala ringrazzjament sinjal t’apprezzament. Prosit lilhom ilkoll. Dawn it-tfal huma:

Jasmine Abela, Sarah Bellizzi, Nigel Curmi, Etienne Degabriele Ferrante, Nathalie Degabriele Ferrante u Adel Montanaro.

Nistieden lit-tfal tal-kor biex jinżlu minn fuq il-palk u lilkom sinjuri biex tieħdu drink tal-okkażjoni.

(Prezentazzjoni taċ-ċertifikati)